BANK ĊENTRALI EWROPEW

18 ta' Diċembru 2003

# IL-POSIZZJONI TAL-KUNSILL TAT-TMEXXIJA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW DWAR KWISTJONIJIET TAR-RATA TAL-KAMBJU RELATATI MAL-PAJJIŻI ADERENTI

## I. PRINĊIPJI ĠENERALI

Mas-sħubija fl-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri l-ġodda huma meħtieġa illi jittrattaw il-politika tar-rata tal-kambju tagħhom bhala ħaġa ta' interess komuni u li jhaddnu politika ta' stabilità fil-prezzijiet bhala l-għan ewlieni tal-politika monetarja. B'żieda ma' dan, il-linji politiċi ekonomiċi se jkunu suġġetti għal numru ta' proċeduri ta' sorveljanza multilaterali skond is-sistema politika ta' l-UE. Madankollu, barra minn dawn l-obbligi, stipulati fit-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea (it-Trattat), l-għażla ta' l-istrateġija monetarja u tar-rata tal-kambju wara s-sħubija fl-UE hi, fuq kollox, ir-responsabilità u l-prerogattiva ta' l-Istat Membru kkonċernat.

L-għaxar Stati Membri l-ġodda kollha ser jissieħbu fl-Unjoni Ewropea bħala Stati Membri b'deroga. Dan ifisser illi, minkejja li jkunu għadom m'adottawx l-euro, dawn ikunu kkommettew ruħhom li jagħmlu ħilithom biex eventwalment jadottawha hekk kif huma jkunu ssodisfaw il-kriterji ta' konverġenza stabbiliti fit-Trattat. It-Trattat jipprevedi illi: i) f'ċertu punt wara l-adeżjoni, l-Istati Membri l-ġodda ser jissieħbu fil-Mekkaniżmu tar-Rata tal-Kambju II (ERM II); u, ii) meta dawn jitqiesu illi jkunu ssodsifaw il-kriterji ta' konverġenza ta' Maastricht, dawn jadottaw l-euro.

Kwalunkwe adozzjoni unilaterali tal-munita unika permezz ta' l-"ewroizzazzjoni" barra l-prinċipji tat-Trattat tmur kontra r-raġunar ekonomiku li huwa l-bażi ta' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja, u li jipprevedi l-adozzjoni eventwali ta' l-euro bhala l-istadju finali ta' proċess strutturat ta' konverġenza fi ħdan struttura multilaterali. L-"ewroizzazzjoni" unilaterali ma tistax tkun, għalhekk, mezz biex jiġu evitati l-istadji għall-adozzjoni ta' l-euro previsti mit-Trattat.[1]

Mħabba li l-istati aderenti jvarjaw ħafna fl-istruttura ekonomika tagħhom, fis-sistemi tagħhom tar-rata tal-kambju u l-politika monetarja, u fil-livell ta' konverġenza nominali u reali diġà miksuba, ma tistax tiġi identifikata u rrakkomandata triq waħda ghal kulhadd lejn l-ERM II u l-adozzjoni ta' l-euro. Ta min jinnota li lanqas għall-membri kurrenti taż-żona ta' l-euro ma kien hemm triq wahda. Għalhekk kull sitwazzjoni u kull strateġija f kull pajjiż ser titqies każ b'każ tul il-proċess illi jwassal għall-adozzjoni ta' l-euro. F'dan il-kuntest, il-Kunsill tat-Tmexxija ta' l-BĊE jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet speċifiċi

[1] Rapport tal-Kunsill ta' l-ECOFIN lill Kunsill Ewropew f'Nizza dwar l-aspetti tar-rati tal-kambju tat-tkabbir, Brussell, 8.11.2000, stqarrija ghall-istampa tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea nru 13055/00

lill-pajjiżi individwali. Kif sar fil-passat, il-prinċipju ta' trattament ugwali ser ikompli japplika matul il-proċess kollu ta' l-integrazzjoni monetarja.

## II. IL-MEKKANIŻMU TAR-RATA TAL-KAMBJU

Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill Ewropew tas-16 ta' Ġunju 1997 (r-Riżoluzzjoni)[2] stabbiliet l-ERM II sabiex tgħaqqad ma' l-euro l-muniti ta' l-Istati Membri ta' l-UE li jkunu barra ż-żona ta l-euro. Il-ERM II ħadet post is-Sistema Monetarja Ewropea li kienet inħolqot fl-1979. Fil-qafas ta l-ERM II, l-istabilità tar-rata tal-kambju hi espliċitament magħmula sekondarja għall-għan ewlieni ta' l-istabilità fil-prezzijiet għall-muniti kollha parteċipanti.

L-ERM II għandha żewġ rwoli, kif stipulat fir-Riżoluzzjoni. Rwol minnhom hu dak ta' arranġament għall-immaniġġjar tar-rati tal-kambju bejn il-muniti ta' l-Istati Membri li jkunu qed jipparteċipaw f dan il-mekkaniżmu u l-euro, filwaqt li r-rwol l-ieħor huwa li jagħti sehem fil-kriterji ta' konverġenza għas-sħubija fl-euro. L-ewwel rwol hu bbażat fuq żewġ disposizzjonijiet ewlenin tar-Riżoluzzjoni, jiġifieri li "l-konverġenza dewwiema tal-prinċipji bażiċi ta' l-ekonomija hija rekwiżit li għandu jkun hemm minn qabel sabiex ikun hemm stabilità sostenibbli tar-rata tal-kambju," filwaqt illi fl-istess ħin jenfasizzaw illi "il-mekkaniżmu tar-rata tal-kambju se jgħin biex jiġi żgurat illi l-Istati Membri barra ż-żona ta' l-euro illi jkunu qed jipparteċipaw fil-mekkaniżmu jorjentaw il-politika tagħhom lejn l-istabilità, jiffavorixxu l-konverġenza u b'hekk jgħinom fl-isforzi tagħhom biex jadottaw l-euro."[3] Dawn id-disposizzjonijiet juru b'mod ċar kif il-mekkaniżmu hu maħsub biex jittratta r-relazzjoni komplessa bejn is-sisien ta l-ekonomija u l-istabbiltà tar-rata tal-kambju. It-tieni rwol ta l-ERM II hu previst fl-Artikolu 121 u l-Protokol korrispondenti dwar il-kriterji ta konverġenza anness mat-Trattat. Għalhekk, l-ERM II jista jitqies bħala żmien ta' prova kemm ghar-rata ċentrali kif ukoll għas-sostenibbiltà tal-proċess ta konverġenza b'mod ġenerali.

**Karatteristiċi ewlenin**

L-ERM II huwa arranġament mutlilaterali ta' rati tal-kambju fissi, iżda li jistgħu jiġu aġġustati, b'rata ċentrali u faxxa li fiha tista ticcaqlaq ir-rata tal-kambju b' margni ta' ± 15%. Il-politika ekonomika ta' kull Stat Membru li jipparteċipa fl-ERM II għandha tkun konsistenti maż-żamma tar-rata ċentrali, sabiex b'hekk jiġu evitati allinjamenti ħżiena. L-interventi fil-faxxa għandhom fil-prinċipju ikunu awtomatiċi u mingħajr limitu, sakemm dawn ma jmorrux kontra l-għan ewlieni ta' l-istabbiltà tal-prezzijiet fl-Istati Membri jew fiż-żona ta' lewro. L-iffinanzjar għal-żmien qasir ħafna jista' jsir disponibbli sabiex jiġu sostnuti dawn l-intervenzjonijiet.

---

[2] Risoluzzjoni tal-Kunsill Ewropew dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' rata tal-kambju fit-tielet stadju ta' l-unjoni ekonomika u monetarja, Amsterdam, 16 ta' Ġunju 1997 (ĠU C 236, 2.8.1997, pp.5-6). Kif previst fir-Risoluzzjoni, il-proċeduri operattivi tal-ERM II ġew stabbiliti fil-Ftehim ta' l-1 ta' Settembru 1998 bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Istati Membri barra ż-żona ta' l-ewro li stabilixxa l-proċeduri operattivi għal mekkaniżmu ta' rata tal-kambju fit-Tielet Stadju ta' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja (ĠU C 345, 13.11.1998, pp.6-12).

[3] Paragrafi 1.1 u 1.3 tar-Risoluzzjoni rispettivament.

L-ERM II huwa bbażat fuq ftehim multilaterali bejn l-Istat Membru kkonċernat, il-pajjiżi membri taż-żona ta' l-euro, il-BĊE u Stati Membri oħra li jkunu qed jipparteċipaw fil-mekkaniżmu. F'dan il-kuntest, id-deċiżjonijiet li jikkonċernaw ir-rati ċentrali u, possibilment, faxex idjaq fejn tista ticcaqlaq ir-rata tal-kambju jittieħdu permezz ta' ftehim reċiproku bejn il-membri parteċipanti kollha, inkluż il-BĊE. Il-membri kollha li jkunu qed jipparteċipaw fil-mekkaniżmu, inkluż il-BĊE għandhom id-dritt li jagħtu bidu għal proċedura kunfidenzjali immirata sabiex jiġu kkunsidrati mill-ġdid ir-rati ċentrali. Allinjamenti mill-ġdid bhal dawn jistgħu ikunu neċessarji, nġgidu aħna, jekk ir-rati tal-kambju f'sitwazzjoni ta ekwilibriju jevolvu maż-żmien, kif ġara fl-imgħoddi fl-Istati Membri kurrenti.

L-ERM II tista' takkomoda l-karatteristiċi ta' numru ta' strateġiji ta rati tal-kambju kurrentement użati mill-pajjiżi aderenti. L-inkompatibilitajiet ma' l- II huma dawk il-każijiet ta' ratai *free floating* (jew *managed floats* mingħajr rata ċentrali stabbilità permezz ta' ftehim reċiproku), *crawling pegs*, u *pegs* ma muniti bażi li mhumiex l-euro.[4] F'dak li jirrigwarda *currency boards,* dawn ma jitqiesux mill-BĊE bhala sostitut għall-parteċipazzjoni fl- II, u b'hekk ikun qed jiġi implikat illi l-pajjiżi li jkunu qed iħaddmu *currency board* ikunu meħtieġa illi jipparteċipaw fl-ERM II għal ta' l-anqas sentejn qabel isir l-eżami ta' konverġenza li ssir qabel ma pajjiż ikun jista' finalment jadotta l-euro. Madankollu, il-pajjiżi li jħaddmu *currency board* bbażat fuq l-euro u li jkun meqjus bhala sostenibbli jistgħu ma jkunux meħtieġa illi jgħaddu minn perijodu doppju ta' bdil fis-sistema, jiġifieri li l-ewwel iħallu r-rata tal-kambju tal-munita tagħhom tiċċaqlaq b mod liberu fil-limiti stabbiliti mill-ERM II sabiex wara jerġgħu jippeggjawha ma' l-euro aktar tard. Dawn il-pajjiżi jistgħu għalhekk jipparteċipaw fl-ERM II b'*currency board* bhala rabta unilaterali, u b'hekk isaħħu d-dixxiplina fi ħdan l-ERM II. Madankollu, il-BĊE enfasizza li arranġament bhal dan għandu jitqies każ b'każ u li ftehim komuni dwar ir-rata ċentrali ta parità fil-konfront ta' l-euro jkollu jintlaħaq.

Kif previst fir-Riżoluzzjoni, faxex idjaq li fihom tista tiċċaqlaq ir-rata tal-kambju li jkun hemm ftehim formali dwarhom u li jkunu idjaq minn dak stàndard jistgħu jiġu ffissati fuq it-talba ta' l-Istat Membru barra ż-żona ta' l-euro. Deċiżjonijiet bhal dawn ser jittieħdu skond il-każ u jiġu meqjusa bhala eċċezzjoni – kif dejjem sar fil-passat – meta wieħed iqis illi l-faxxa stàndard hi kif għandha tkun għal Stati Membri li jkunu qegħdin jinvolvu ruħhom fil-proċess ta' konverġenza. Faxex idjaq illi jkun hemm ftehim multilaterali dwarhom jistgħu jiġu kkunsidrati biss fi' stadju avvanzat ta' konverġenza, kif ġara fil-każ tad-Danimarka.[5]

**Dħul fil-mekkaniżmu**

Il-parteċipazzjoni fl-ERM II hi waħda volontarja għall-Istati Membri barra ż-żona ta' l-euro. Madnakollu, peress illi s-sħubija fl-ERM II hija kondizzjoni meħtieġa qabel sabiex ikun jista' jiġi eventwalment adottat l-euro, l-Istati Membri l-ġodda huma mistennija illi jissieħbu fil-mekkaniżmu f'xi żmien jew

---

4 Rapport tal-Kunsill ta' l-ECOFIN lill Kunsill Ewropew f'Nizza dwar l-aspetti tar-rati tal-kambju tat-tkabbir, Brussell, 8.11.2000, stqarrija uffiċjali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea nru 13055/00.

5 Id-Danimarka tipparteċipa fl-ERM II b'faxxa li hemm ftehim multilaterali dwarha ta' ± 2.25%

ieħor. Is-sħubija fl-MRK II tista' ssir fi kwaunkwe żmien wara l-adeżjoni ma' l-UE. Filwaaqt li l-proċedura għas-sħubija fl-ERM II tista' tingħata bidu fi kwalunkwe żmien mill-Istat Membru kkonċernat, u ghalhekk mhix marbuta ma xi dati speċifiċi, il-karatteristiċi ewlenin, b'mod partikolari r-rata ċentrali u l-wisa' tal-faxxa li fiha tista tiċċaqlaq ir-rata tal-kambju, għandhom jiġu miftehmin bejn il-partijiet kollha involuti fil-mekkaniżmu.

Id-dħul fl-ERM II mhux soġġett għal sett ta' kriterji stabbiliti minn qabel, u m'hemm l-ebda kondizzjonijiet meħtieġa minn qabel illi għandhom jiġu sodisfatti sabiex issehh l-isħubija fil-mekkaniżmu. Madankollu, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni mingħajr problemi fl-ERM II, ikun neċessarju illi bidliet importanti fil-politika – per eżempju f'dak li jirrigwarda l-liberalizzazzjoni tal-prezzijiet u l-politika fiskali – iseħħu qabel ma l-pajjiz jibda jipparteċipa fil-mekkaniżmu kif ukoll li tiġi segwita konsolidazzjoni fiskali kredibbli. B'żieda ma' dan, bhal ma hu l-każ f'kull sistema ta' rata tal-kambju, il-parteċipazzjoni fl-ERM II hi element wieħed biss tas-sistema politika totali u għalekk m'għandiex tiġi kkunsidrata b'mod iżolat. Għandha tkun kompatibbli ma' l-elementi l-oħra ta' din is-sistema politika totali, b'mod partikolari mal-politika monetarja, fiskali u strutturali.

Ir-rata ċentrali li tintgħazel għandha tirrifletti l-aqwa stima possibbli tar-rati tal-kambju f'sitwazzjoni ta ekwilibriju fil-ħin tad-dħul fil-mekkaniżmu. Din l-istima għandha tkun ibbażata fuq firxa wiesgha ta' indikaturi u żviluppi ekonomiċi filwaqt li tqis ukoll ir-rata kif stabbilita mis-suq. L-ebda wieħed mill-partijiet għall-fethim ma jista jiddetermina r-riżultat ta' stima bħal din.

Id-deċiżjonijiet dwar ir-rati ċentrali jittieħdu permezz ta' ftehim reċiproku bejn id-diversi partijiet tal-ERM II. Ghalhekk, stqarrijiet unilaterali dwar ir-rati ċentrali li mistennija jkunu stabbiliti ma jaqblux man-natura multilaterali ta' l-arranġament u m'għandhomx isiru. Wara kollox, dawn bl-ebda mod m'huma se jippreġudikaw l-għażla finali tar-rata ċentrali.

L-allinjamenti mill-ġdid tar-rati ċentrali għandhom isiru f'waqthom. F'dan ir-rigward, ir-Rizoluzzjoni tal-ERM II tistipula li l-partijiet kollha jistgħu jagħtu bidu għal proċedura mmirata lejn il-konsiderazzjoni mill-ġdid tar-rati ċentrali. Dawn l-allinjamenti mill-ġdid jistgħu jkunu neċessarji, per eżempju, jekk ir-rati tal-kambju f'sitwazzjoni ta ekwilibriju jevolvu maż-żmien, kif muri mill-esperjenza fil-passat ta' l-Istati Membri kurrenti. Żviluppi bħal dawn x'aktarx li jkomplu jkunu iżjed rilevanti f'ambjent ta' konverġenza reali, f'każ li jkun hemm tibdil sinifikanti fil-kompetittività ma' barra, jew fil-presenza ta' politika makroekonomika inkonsistenti.

**Tul taż-żmien tal-parteċipazzjoni**

It-Trattat jistabilixxi l-perjiodu minimu ta' parteċipazzjoni fl-ERM II qabel l-adozzjoni ta' l-euro.[6] Dwar il-kriterju għall-parteċipazzjoni fil-mekkaniżmu tar-rata tal-kambju il-protokoll anness mat-Trattat jistipula li Stat Membru irid ikun żamm mal-faxxa normali ta' ċaqlieq fir-rata tal-kambju li ħaseb għaliha il-mekkaniżmu tar-rata tal-kambju mingħajr ma jkun qanqal tensjonijiet severi għallinqas tul l-aħħar sentejn qabel l-eżami. B'mod partikolari, f'dan il-perijodu l-Istat Membru ma jridx ikun żvaluta minn jeddu r-rata ċentrali tal-munita tiegħu kontra l-euro.[7] Ghalhekk hu mistenni li pajjiż jipparteċipa ghal mill-anqas sentejn fil-mekkaniżmu qabel ma jsir l-eżami ta' konverġenza li jwassal għall-adozzjoni finali ta' l-euro.

Apparti l-perijodu minimu ta' sħubija ta' sentejn fl-ERM II qabel isir l-ezami tal-konverġenza, m'hemm l-ebda restrizzjonijiet dwar it-tul ta' żmien li Stati Membri ġodda għandhom jibqghu fl-ERM II. Għalkemm l-Istati Membri ġodda fl-aħħar mill-aħħar kollha huma mistennija li jissieħbu fiż-żona ta' l-euro, m'hemmx l-ebda żmien stabbilit u ma jista' jkun hemm l-ebda ċertezza *ex ante* f'dak li jirrigwarda limitazzjoni fuq it-tul tal-parteċipazzjoni fil-mekkaniżmu. Għalhekk, it-tul tal-parteċipazzjoni fl-ERM II għandu iżjed jitkejjel fuq kif jista jghin l-aktar il-proċess ta' konverġenza, milli fir-rigward tal-perijodu minimu meħtieġ ta' sentejn.

Hadd m'għandu jaħseb li r-rata ċentrali tal-bidu tkun ir-rata finali ta konverzjoni li imbaghad tintuża fil-proċess meta l-pajjiż jaqleb għall-euro. Dan jirriżulta mhux biss mill-fatt illi jista' jkun hemm il-bżonn ta' allinjamenti mill-ġdid, iżda ukolll mid-disposizzjonijiet istituzzjonali rilevanti: id-deċiżjonijiet dwar ir-rati ċentrali u dwar ir-rati ta' konverżjoni huma distinti minn xulxin, jittiehdu f'perijodi ta' żmien differenti, u jittiehdu permezz ta' proċessi deċiżjonali differenti.

[6] Ara t-tielet inċiż ta' l-Artikolu 121(1). Ir-raba' inċiż ta' l-Artikolu 121(1), li jistabilixxi l-kriteri tar-rati ta' l-interessi, jirreferi ukoll għall-parteċipazzjoni fl-MRK skond kif ġej: "id-dewmien tal-konverġenza miksuba mill-Istat Membru u l-parteċipazzjoni tiegħu fil-Mekkaniżmu tar-Rata tal-Kambju tas-Sistema Monetarja Ewropea kif jidher fil-livelli tar-rati ta' mgħax f'perjodi fit-tul".

[7] Protokoll dwar il-kriterji ta' konverġenza msemmija fl-Artikolu 121 tat-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea.

**Konsiderazzjonijiet importanti li jirrigwardaw is-sħubija**

Id-deċiżjonijiet li jirrigwardaw iż-żmien tad-dħul u d-dewmien taż-żmien ta' parteċipazzjoni fl-ERM II għandhom ikunu bbażati fuq kemm il-parteċipazzjoni fil-mekkaniżmu ittejjeb il-prospetti għall-kisba ta' konverġenza dewwiema tas-sisien ta l-ekonomija. L-għan ġenerali ta' dan il-proċess hu li jifavorixxi l-istabilità makroekonomika fl-Istati Membri l-ġodda, u b'hekk jinghata l-aqwa kontribut possibbli għal żvilupp sostenibbli u konverġenza reali. L-Istati Membri l-ġodda għandhom ukoll iżommu f moħhhom kif in-nuqqas ta' flessibilità fir-rata tal-kambju jgħin sabiex l-aspettattivi jinżammu kif ikunu u tkun segwita politika makroekonomika u strutturali soda. B'hekk tkun tista titrawwem konverġenza reali u nominali. Filwaqt li l-parteċipazzjoni fl-ERM II waħedha ma tiżgurax politika makroekonomika u strutturali b'sahhitha u konsistenti, għandha l-potenzjal li taġixxi bhala katalista, u b'hekk issaħħah l-effett dixxipplinarju ta' politika bhal din.

Sabiex tiġi ddeterminata l-aħjar strateġija tagħhom fir-rigward ta' l-ERM II u iżjed tard rigward l-adozzjoni ta' l-euro, l-Istati Membri l-ġodda ser ikollom jikkunsidraw iċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' pajjiżhom, fosthom l-istrateġija ġenerali ta' integrazzjoni monetarja, il-qafas monetarju u tar-rata tal-kambju kif ukoll il-qagħda fiskali. B'żieda ma dan, ser ikollom jikkunsidraw sa fejn il-proċess ta' transizzjoni u l-progress fit-tnaqqis tad-differenzi fid-dħul reali jista' jkollu effett fuq kif ir-rata tal-kambju tagħhom tista tinbidel kif mixtieq. Minħabba r-riskji marbuta mar-riġidità prematura tar-rata tal-kambju, jista' jkun floku li xi Stati Membri ġodda jikkonsidraw biss li japplikaw għall-parteċipazzjoni fl-ERM II wara li jkun inkiseb livell iżjed avvanzat ta' konverġenza. Dan partikolarment ta' min jirrikmandah meta riġidità bikrija fir-rata tal-kambju tista' twassal ghal allinjamenti mill-ġdid li ma jkunux flokhom u ghalhekk jistghu iwasslu ghal konsegwenzi ekonomiċi negattivi, fosthom li tintilef il-kredibilità tal-mekkaniżmu kollha. Għal Stati Membri ġodda oħra li jkunu wettqu riformi strutturali importanti u li jkunu wrew l-ħila li joqorbu qabel iż-żmien lejn il-konverġenza permezz ta' linji politiċi sodi u sistema ta' rata tal-kambju li fil-prinċipju hi kompatibbli ma' l-ERM II, id-dħul fil-mekkaniżmu jista' jsir ftit żmien wara l-adeżjoni, sakemm ikun hemm qbil reċiproku dwar ir-rata ċentrali ta parità.

F'ċerti każijiet, l-Stati Membri l-ġodda jistgħu jikkonsidrawha bhala ħaġa mixtieqa illi jdumu iżjed fl-ERM II waqt li l-konverġenza tkompli tiżdied. B'żieda ma' dan, iżjed progress lejn konverġenza sostenibbli tal-prinċipji ekonomiċi bażiċi, tar-riformi strutturali u tal-progress fit-tnaqqis tad-differenzi fil-livelli tad-dħul jista' jirriżulta f'tibdiliet fir-rata tal-kambju reali f'sitwazzjoni ta ekwilibriju li jistaw ikunu iżjed diffiċli li jsehhu permezz ta' tibdiliet fil-prezzijiet interni biss. F'dan il-kaz, ikun neċessarju illi jibqgħu fl-ERM II għal perijodu itwal u li jerġgħu jallinjaw mill-ġdid ir-rata ċentrali, jekk ikun hemm bżonn, qabel ma jorbtu r-rata tal-kambju darba ghal dejjem u jadottaw l-euro.

## III. L-ADOZZJONI TA' L-EURO

L-Istati Membri l-ġodda kollha huma mistennija li jadottaw l-euro fi żmien xieraq ladarba dawn ikunu meqjusa illi ssodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti mit-Trattat. Dawn il-kondizzjonijiet jinkludu stima tas-

sostenibilità tal-livell ta konverġenza nominali miksuba. Skond l-Art. 121(1) tat-Trattat, din l-istima għandha wkoll tikkonsidra s-sitwazzjoni u l-iżvilupp tal-bilanċ tal-pagamenti fuq il-kont kurrenti u l-iżvilupp tal-*unit labour costs* u ta' indiċi oħra tal-prezzijiet. Kif ġara fil-passat, l-istima għandha ssir skond il-każ u għandha tikkunsidra s-sitwazzjoni partikolari ta' kull pajjiż individwali.

L-istima għandha tiġi bbażata fuq il-prinċipju ta' trattament ugwali għal dak ta' l-Istati Membri kurrenti. Għalekk, l-ebda kriterji addizzjonali għall-adozzjoni ta' l-euro mill-Istati Membri l-ġodda m'huma se jiġu introdotti, filwaqt illi fl-istess ħin m'hu se jkun hemm l-ebda rilassament tal-kriterji stipulati fit-Trattat, inklużi il-kriterji li jikkonċernaw is-sostenibilità tal-konverġenza nominali. F'dak li jirrigwarda l-istabilità tar-rata tal-kambju, il-kriterju jirreferi għall-parteċipazzjoni fl-ERM II għal perijodu ta' mill-anqas sentejn qabel ma ssir l-istima ghal konverġenza mingħajr tensjonijiet severi, b'mod partikolari mingħajr ma jkun hemm żvalutazzjoni fil-konfront ta' l-euro. L-istima ta' l-istabilità tar-rata tal-kambju fil-konfront ta' l-euro għandha tiffoka fuq ir-rata tal-kambju bhala waħda qrib tar-rata ċentrali filwaqt li tieħu ukoll kont tal-fatturi li jkunu setgħu wasslu għal apprezzament, li hu konformi ma' x'sar fil-passat. F'dan ir-rigward, il-wisa' tal-faxxa li fiha ticcaqlaq ir-rata tal-kambju fi ħdan l-ERM II m'għandhiex tippreġudika l-istima tal-kriterju ta' l-istabilità tar-rata tal-kambju. B'żieda ma' dan, il-kwistjoni tan-nuqqas ta' "tensjonijiet severi", hi ġeneralment ittrattata i) permezz ta' eżami tal-livell ta' devjazzjoni tar-rati tal-kambju mir-rati ċentrali ta' l-ERM II fil-konfront ta' l-euro; ii) billi jintużaw indikaturi bhal ma huma d-divrenzjali tar-rati ta' l-interessi fuq żmien qasir f'dak li jirrigwarda ż-żona ta' l-euro, u l-evoluzzjoni tagħhom; u iii) billi jiġi kkonsidrat ir-rwol ta' l-interventi fis-suq tal-kambju.